SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 50/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/11/'11** **279**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/11/'11** **334**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Kienet preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Viċi-Sindku Richard Scicluna ser jittardja minħabba li għandu laqgħa ġo Paceville. Jekk

jirriżulta li ma jilħaqx jattendi għal laqgħa ser jitniżżel skużat.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-24 ta' Novembru 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2011
4. Budget / Business Plan
5. Performance Bonus
6. Skema – Insaħħu l-Komunita' – Riġenerazzjoni f'Osqma tal-Binijiet tal-Gvern
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 49/K6/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 49/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 16/KA1/11 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

1.3.06 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 3 u 4 qabel item 2.

1.3.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2011**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju mill-1 t'April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011 (Ara Appendiċi 'B').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji mill-1 t'April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011.

3.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Budget / Business Plan**

4.01 l-Kunsill ġie ppreżentat bil-Budget / Business Plan (Ara Appendiċi 'C').

4.02 L-Accountant tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni ddettaljata ta' l-estimi għas-sena finanzjarja 2012 flimkien mal-pjan tax-xogħolijiet.

4.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan għas-sena finanzjarja 2012.

4.04 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 6220 | Ittra mingħand il-Viċi Sindku Richard Scicluna sabiex jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar ta' Ottubru. |
| 6301 & 6302 | Emails mingħand l-Active Enterprises biex jitpoġġew aktar *barriers* ġo San Ġiljan. |
| 6328 | Email mingħand is-Sur David Soler dwar fondi mil-L.E.S. |
| K1381 | Ittra lis-Sur David Soler b'konnessjoni ma' pagament fuq kontravenzjoni numru 906-28074-8. |
| 6456 | Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) rigward kompetizzjoni tat-tpinġija għat-tfal bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji għall-Ambjent. |
| 6476 | Email mingħand il-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* rigward ir-rapport tal-*playground* f'San Ġiljan. |
| 6536 | Email mingħand l-Environmental Landscapes Consortium dwar donazzjoni ta' 250 *planters*. |
| 6540 | Email mingħand il-Faces Consultants Ltd rigward *bus shelter* imkissra fi Triq Ta' Ġiorni ħdejn il-Ġnien. |
| 6541 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 112/2011 – Xogħolijiet f'toroq arterjali u dawk li jgħaddu l-karozzi tal-linja minnhom. |
| 6630 | Email mingħand il-WasteServ rigward invoice. |
| 6648 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Bye-Law Ġbir ta' Skart. |

6689 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Bye-Law Sewqan ta' Roti.

6708 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Bye-Law dwar Armar ta' Għamara fuq Bankini f'San Ġiljan.

6769 Email mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi rigward l-attivita' tal-Kunsilly.

6818 Email mingħand L&S Technical Consulting Ltd rigward *ducted network gas.*

6828 Email mingħand il-Kunsillier is-Sur Richard Scicluna rigward talba mingħand is-St Julian's Bay Hotel rigward *24 hour yellow lines* għal *loading* u *unloading bay*.

6845 Talba mingħand l-iskrivana Ms. Marisa Micallef sabiex iġeddulha *r-reduced hours.*

6890 & K1489 Korrispondenza rigward *Upgrading of Balluta Bay-Renourishment of beach.*

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 6220

2.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Viċi Sindku Richard Scicluna sabiex jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar ta' Ottubru. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jilqa' it-talba tal-Viċi-Sindku Richard Scicluna u ġie ddikjarat skużat u mhux assenti għal-laqgħa tax-xahar t'Ottubru 2011.

Rif. Nru. 6301 & 6302

2.03 Saret riferenza għall-emails mingħand l-Active Enterprises sabiex jitwaħlu aktar *pedestrian barriers* ġewwa San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jitwaħlu dawn il-*pedestrian barriers* dment li jinħareġ il-permess skont il-Bye-Laws.

Rif. Nru. K1381

2.04 Saret riferenza għall-ittra li ntbagħtet lis-Sur David Soler b'konnessjoni ma' pagament fuq kontravenzjoni numru 906-28074-8. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat kopja ta' din l-ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill jiġi ggwidat f'din is-sitwazzjoni u oħrajn simili. Sakemm il-Kunsill jingħata l-gwida l-flus ma jiġux depożitati.

Rif. Nru. 6456

2.05 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) rigward kompetizzjoni tat-tpinġija għat-tfal bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji għall-Ambjent. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jistaqsi għall-kuntatti ta' tfajjel Chris Scerri, sabiex bħala turija ta' apprezzament jingħata żewġ kotba.

2.06 Il-Kunsillier Raymond Cachia wasal fit-3.20p.m.

Rif. Nru. 6476

2.07 Saret riferenza għar-rapport ta' l-MCCAA dwar il-Kumpless Dun Anton Sciberras. Waqt id-diskussjoni reġgħet inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li m'għandux il-finanzjament biex jerġa jsir il-manutenzjoni tal-Kumpless li kontinwament qed jiġi vvandalizzat. Għalhekk minħabba li l-Kunsill diġa għamel talba permezz ta' l-iskema Memo 66/2011 – Skema ta' Finanzjament għal titjib fil-playing fields eżistenti u minħabba li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda finanzjament f'dan l-istadju. Ġie deċiż unanimament illi:-

- Il-Kumpless jingħalaq temporanjament peress li dan il-post huwa fi stat perikoluż minħabba atti vandali.

- Jitwaħlu sitt tabelli fil-Kumpless Dun Anton Sciberras f'Ta' Giorni, waħda ħdejn kull entratura, bi kliem:-

    - Il-Kumpless Dun Anton Sciberras jinsab magħluq peress li jinstab fi stat perikoluż. Dan minħabba li ġie vvandalizzżat diversi drabi. Peress li l-Kunsill m'għandux triq oħra, dan il-Kumpless ser jibqa' magħluq sakemm isir il-manutenzjoni u t-tiswija meħtieġa. Għalhekk kull min jidħol illegalment f'dan il-post qed jagħmel hekk taħt l-uniku responsabbilita' u riskju tiegħu.

- Jidher avviż fuq The Malta Independent u l-Gazzetta tal-Gvern bl-istess kliem tat-tabelli.

- Jinħareġ tender għat-Tmexxija tal-Kumpless Dun Anton Sciberras sabiex jingħata għal tlett snin. Min jieħu t-tender mhux ser jintgħalab jagħti somma lill-Kunsill iżda jkun obligat jirranġa għas-spejjez tiegħu l-ħsara kollha li saret fil-Kumpless u jħallas l-ispejjeż tad-dawl u l-ilma nkluż il-kera ta' l-arloġġi u l-ammont li l-Kunsill iħallas lill-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern.

Rif. Nru. 6648

2.08 Saret riferenza għal e-mail dwar Bye-Laws – Ġbir ta' Skart minn fondi Kummerċjali. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Edgar Montanaro jieħu ħsieb din il-materja u jgħaddi l-informazjoni lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

Rif. Nru 6689

2.09 Saret riferenza għal e-mail dwar Bye-Laws – Sewqan ta' Roti. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Edgar Montanaro jieħu ħsieb din il-materja u jgħaddi l-informazzjoni lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

Rif.Nru 6769

2.10 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi rigward l-attivita' tal-Kunsilly. Ġie deċiż unanimament illi peress li nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2011 ser issir l-attivita' Kunsilly u peress li l-impjegati wrew ix-xewqa li jattendu, l-Uffiċċju Amministrattiv ser ikun magħluq mill-12.15p.m.

Rif. Nru. 6828

2.11 Saret riferenza għall-email mingħand il-Viċi-Sindku Richard Scicluna dwar talba mingħand is-St Julian's Bay Hotel rigward *24 hour yellow lines* għal *loading* u *unloading bay*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi diġa hemm Un/Loading Bay u li dawn kollha jsiru mid-9.00 a.m. sas 2.00 p.m.

2.12 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna wasal fl-4.10p.m.

Rif. Nru. 6845

2.13 Saret riferenza għat-talba li saret mingħand l-iskrivana Marisa Micallef sabiex jiġġeddulha *r-reduced hours.* Ġie deċiż unanimament illi dment li tagħmel l-*output* u meta jkun hemm bżonn taħdem is-sigħat, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

**5. Performance Bonus**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irrakomandat illi l-iskrivani kollha jingħataw il-performance bonus.

5.02 Iċ-Ċermen Peter Bonello ressaq il-'performance appraisal' tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati għall-attenzjoni tal-Kunsill u ppropona l-approvazzjoni tal-massimu tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivani (Ara Appendiċi 'D').

5.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv, f'isimha u f'isem l-iskrivani rringrazzjat lill-Kunsill.

**6 Skema – Insaħħu l-Komunita' – Riġenerazzjoni f'osqma tal-binijiet tal-Gvern**

6.01 Saret riferenza għall-iskema **Insaħħu l-Komunita' – Riġenerazzjoni f'Osqma tal-Binijiet tal-Gvern** fejn il-Kunsill ġie ppreżentat bl-istima ta' € 75,074.51flimkien mad-dokumentazzjoni mitluba mill-Awtorita' tad-Djar. Dan sabiex isir *Upgrading* u *Maintenance* madwar tal-binjiet tal-Gvern fl-*area* ta' Ta' Giorni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Wara diskussjoni qasira ċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tal-istima u d-dokumentazzjoni.

6.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondaha.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3087 sa 3093 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'G').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3087 sa 3093.

8.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Ġie deċiż unanimament illi r-*Road Hump* li hemm fi Triq il-Baltiku titneħħa.

8.06 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9 Materji Oħra

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- Ir-*write-ups* għall-magazine għandhom jiġu ppreżentati sa nhar il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2011;

- Saret laqgħa mal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart domestiku nhar il-Erbgħa 9 ta' Novembru 2011 fl-10.15a.m. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg u Norman Vella flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker. F'din il-laqgħa s-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur bl-ilmenti kollha li l-Kunsill irċieva. Il-kuntrattur min-naħa tiegħu nforma lill-Kunsill li diġa ħa azzjoni u biddel in-nies tiegħu li ma kienux qed jagħtu servizz tajjeb;

- Triq Claire E. Engel il-parti li kienet meqjusa tajba r-riżulta li hemm xi dislivel b'konsegwenza li hemm problemi bl-ilma tax-xita. Għalhekk saret talba lis-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Dr. Chris Said, sabiex il-fondi tat-Triq Sir Joseph Carbone (li saret mit-Transport Malta), jintużaw fuq din it-triq;

- Ilum għalqu l-offerti tal-Contracts Manager.

9.02 Ġie deċiż unanimament li:-

- Il-laqgħa annwali ser isir nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.00p.m. Din il-laqgħa ser tkun meqjusa bħala l-laqgħa tax-xahar ta' Diċembru 2011, għalhekk kulħadd mitlub jattendi. Il-minuti rif. 50/K6/11 jitressqu għal approvazjoni fil-laqgħa ta' Jannar 2012.

- Rigward il-proġett għad-dar ta' l-anzjani ser jinħareġ avviz għall-*expression of interest* biex min hu nteressat japplika;

- Il-bilanċ ta' 28 ġurnata (ekwivalenti għal 224 siegħa) *vacation leave* tas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker li ma ttieħdux, matul is-sena 2011, minħabba l-esiġenza tax-xogħol ser jiġu mġedda għas-sena d-dieħla;

9.03 B'riferenza għall-'Coffee Morning' il-Kunsill ġie ppreżentat bill-kwotazzjonijiet li irċieva u ġie nfurmat li l-kwotazzjoni tal-Paradise Bay hija l-aktar vantaġġjuża (Ara Appendiċi 'H').

9.04 Ġie deċiż unanimament li tingħażel il-kwotazzjoni tal-Paradise Bay u li l-attivita' issir fl-14 ta' Diċembru 2011.

9.05 Saret riferenza għal avviż li sar dwar organiżazzjoni ta' avvenimenti (Ara Appendiċi ('I'). Il-Kunsill ġie nfurmat li wrew interess tlett persuni (Randolph Mamo inc.4495/11, Mary Ann Cauchi inc.4412/11u Leon Promotions inc.4492/11 u li saret laqgħa magħhom fejn ġew mitluba aktar dettalji u stima biex tiġi mtella' l-attivita' ta' Lejliet Lapsi. L-uniku stima u programm li irċieva l-Kunsill hija dik tal-Leon Promotions inc.6002/11.

9.06 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li tingħażel l-offerta ta' Leon Promotions biex għas-sena 2012 terġa tittella' l-attivita' Lejliet Lapsi.

9.07 B’riferenza għal-laqgħa li saret mal-Ministru għar-Risorzi u Affarijiet Rurali, l-Onor. George Pullicino, dwar il-proġett ta’ Spinola, il-Kunsill qabel unanimament mal-proġett u għalhekk il-Ministru għandu jiġi nfurmat b’din id-deċiżjoni.

9.08 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-4.45p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |